**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Jannar 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 22/2018 JZM**

**Onor. Dr. Jose` A. Herrera LL.D. MP. (ID 723561 [M])**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

***u***

**b`digriet tal-10 ta` Jannar 2019, Philip Bugeja (ID. 123055 [M]), George Bugeja (ID. 421156 [M]), Anthony Bugeja (ID. 438158 [M]), Theresa Bugeja (ID. 792434 [M]), Maria Theresa Baluci (ID. 381552 [M]), Anna Maria Gauci (ID. 441753 [M]), Alessandra Attard (ID. 6355 [M]), Mark Stephen Baluci (ID. 411657 [M]), Paul Baluci (ID. 76966 [M]), u Carl Baluci (ID. 35772 [M]) gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fl-<u>24 ta` Ottubru 2018</u> li jaqra hekk :–

*Illi l-azzjonisti tas-socjeta` Quality Homes Ltd (C 1562) kienu missier l-esponent l-Onor Imhallef Joseph Herrera, Carmelo Bugeja u Carmelo Ballucci li kellhom 11,667, 11,666 u 11,667 rispettivament. Illum huma lkoll mejta.*

*Illi l-esponent huwa successur u wiehed mill-eredi ta` l-mejjet Onor Imhallef Joseph Herrera.*

*Illi jirrizulta li fis-6 ta` Novembru 2013 isem din is-socjeta` gie mhassar mir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji peress illi irrizulta lill-esponent li attwalment din is-socjeta` ghad ghandha assi konsiderevoli konsistenti fi propjeta` immobbli u cioe` arja sovraposta binja ta` appartamenti gewwa San Giljan.*

*Illi pero` l-istess esponenti bl-ebda mod ma kellu x`jaqsam mal-gestjoni ta` l-istess socjeta` u li ilha ma topera ghal snin twal.*

*Illi in effetti da ricenti wiehed mill-ko-eredi ta` wiehed mill-azzjonisti gab dan l-istat ta` fatt konjizzjoni ta` l-esponent li ghamel il-verfiki necessarji.*

*Illi dan ir-rikors qieghed isir fit-terminu ta` hames snin previst fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 u l-esponent huwa ghaldaqstant persuna interessata fit-termini ta` dan is-subartikolu.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji jerga` idahhal isem is-*

*socjeta` Quality Homes Ltd (C 1562) fir-Registru tal-Kumpanniji u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-26 ta` Novembru 2018 li taqra hekk :-

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali press illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-kumpannija Quality Homes Ltd (C 1562) giet registrata fit-18 ta` April 1969 u giet xolta mill-membri taghha fit-30 ta` Gunju 1986. Fl-istess gurnata gie appuntat bhala stralcjarju s-Sur Philip Bugeja.*

*Illi ghaldaqstant il-kumpannija de quo ma kellhiex l-obbligu illi taghmel id-dokumentazzjoni tal-compliance.*

*Illi l-esponent hass li l-Artikoli 429(1) u 325(7) kienu relevanti ghac-cirkostanzi ta` dan il-kaz.*

*Illi l-ewwel Artikolu msemmi hawn fuq jipprovdi illi jekk ix-xoljiment ta` socjeta` kummercjali jsehh qabel is-sitt xhur mill-jum stabbilit (illum stabbilit huwa interpretat f`Artikolu 428(4) tal-Att li kien 1 ta` Marzu 1998) ix-xoljiment u stralc ikomplu skont id-dizpozzjonijiet tal-Ordinanza.*

*Illi madanakollu l-Artikolu 325(7) tal-Att jipprovdi illi, minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 325 japplikaw ukoll ghal kumpanniji li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghhom kien regolat minn l-Ordinanza.*

*Illi l-procedura taht l-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji giet inzjata mir-Registratur f`dan il-kaz ghaliex il-kumpannija wara x-xoljiment jidher li giet mitluqa u abbandunata ghal kollox. Dan billi l-istralcjarju naqas milli jaghmel u jissottometti ghar-registrazzjoni d-dokumenti li kellhom jintbaghtu lir-Registratur sabiex jigi mhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Registru.*

*Illi skond kif jipprovdi l-istess Artikolu 325 tal-Att u billi r-registratur ma rcieva ebda risposta ghall-ittri mibghuta minnu u lanqas xi oggezzjoni minn wara l-pubblikazzjonijiet li saru skont l-Att, huwa ghadda sabiex jippublika fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum l-avviz illi tliet xhur wara dik id-data, l-isem tal-kumpannija kien sejjer jitnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att biex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru, u dan qed jaghmlu bhala persuna interessata billi huwa wiehed mill-ko-eredi ta` wiehed mill-azzjonisti. L-imsemmi artikolu jipprovdi illi tali rimedju jinghata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi jkun xieraq illi jsir dan.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi jekk fil-fehma ta` dina l-Onorabbli Qorti r-rikorrent jitqies persuna interessata li hasset illi l-interessi taghha gew ippreguddikati bit-thassir tal-isem tal-kumpannija in kwestjoni wara l-procedura tal-artikolu 325 hekk kif preskritta mill-Att, il-Qorti ghandha tipprovdi ghar-rimedju legali kif stabbilit mill-kliem tal-ligi stess fl-Artikolu 325(4) ta` l-Att.*

*Dan salv kull provvediment u termini ohra illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Jannar 2019.

Semghet id-dikjarazzjoni bil-gurament li ghamel l-intervenut fil-kawza Philip Bugeja fl-istess udjenza.

Rat id-dokument li kien prezentat fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li nghata fl-istess udjenza fejn il-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti rat l-Art 325 tal-Kap 386 li abbazi tieghu r-rikorrent ressaq l-azzjoni odjerna.

Riferibbilment ghas-subartikolu (4), hija l-fehma ta` din il-Qorti illi r-rikorrent jikkwalifika bhala persuna li ghandha interess sabiex tintavola l-azzjoni. Tghid dan wara li qieset il-fatti li hargu mill-premessi tar-rikors, li kienu kkonfermati fis-sostanza taghhom mill-intervenut fil-kawza Philip Bugeja (li huwa wkoll l-istralcjarju) u li ma kienux ikkontestati mill-intimat.

Il-Qorti tifhem il-kawtela tal-intimat meta jigi biex jesprimi ruhu dwar talba sabiex kumpannija li isimha jkun thassar mir-registru terga` titqieghed fuq ir-registru. Din il-kawtela tohrog cara mir-risposta tieghu. Fl-istess waqt tara wkoll disponibilita` da parti tal-intimat li ma jostakolax it-talba tar-rikorrent jekk timmerita lit kun akkolta wara li jkunu saru l-accertament tal-kaz. Infatti l-intimat prattikament ihalli kollox f`idejn il-Qorti sabiex tasal ghall-ahjar gudizzju.

Minkejja li kienu unikament l-inadempjenzi tal-istralcjarju u tal-azzjonisti li wasslu ghat-thassir ta` l-isem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji, il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanzi li xprunaw lir-rikorrent sabiex jiehu azzjoni, u cioe` l-biza` reali li *asset* tal-kumpannija tispicca ghand l-Istat ghaliex l-isem tal-kumpannija thassar mir-Registru, bl-eredi tal-azzjonisti jibqghu b`xejn.

Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, din il-Qorti tqis ruhha sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru anke ghaliex hija konvinta li l-istralcjarju mhux se jithalla inattiv mill-eredi tat-tliet azzjonisti li b`assidwita` sejrin jassikuraw li sabiex jespleta l-obbligi tieghu u jikkonkludi l-istralc bl-ahjar mod fl-ahjar interess tal-azzjonisti.

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Quality Homes Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C1562 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Quality Homes Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C1562 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Quality Homes Ltd, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C1562, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Quality Homes Ltd (C1562) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez tieghu, dawk tal-intimat u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Quality Homes Ltd (C1562) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**5) Tordna lill-intervenuti fil-kawza sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**